Nru. 18,295
Prezz/Price
€0.19

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 12 ta' Awissu, 2008
Tuesday, 12th August, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 705

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Ħatra ta' Deputat Gvernatur

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-artikolu 8 (1) ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatar lis-Sur David Pullicino, ACIB, bħala Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta għal perjodu ta' ħames snin b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2008.

It-12 ta' Awissu, 2008

Nru. 706

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Reuben Debono bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa, sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-12 ta' Awissu, 2008 sal-25 ta' Awissu, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputat Reġistratur u Kummissarju għal Għotja tal-Ġuramenti

It-12 ta' Awissu, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 705

CENTRAL BANK OF MALTA ACT (CAP. 204)

Appointment of Deputy Governor

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred on him by article 8(1) of the Central Bank of Malta Act (Cap. 204), the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Mr David Pullicino, ACIB, as Deputy Governor of the Central Bank of Malta for a period of five years with effect from the 1st September, 2008.

12th August, 2008

No. 706

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Reuben Debono to be Notary Delegate/Keeper for Notary Joseph Smith La Rosa, during the latter's absence from these Islands from the 12th August, 2008 till the 25th August, 2008.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.
Deputy Registrar and Commissioner for Oaths

12th August, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 90

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Awissu, 2008 mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Publju u Triq Sarria u l-parkeġġ ta' wara l-Fosos fi Triq Sarria.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Awissu, 2008 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Publju u Triq Sarria.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Awissu, 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem it-traffiku ġej minn Triq il-Marina, il-Pietà fid-direzzjoni lejn il-Furjana se jkun jista' jgħaddi biss minn Triq l-Indipendenza, il-Pietà u Triq Sa Maison u Hay Wharf se jkunu miftuħa għat-traffiku f'direzzjoni waħda mill-Furjana lejn il-Pietà.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Awissu, 2008

POLICE NOTICE

No. 90

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Floriana

On Saturday, 16th August, 2008 from 1.00 p.m. onwards through Triq San Publju and Triq Sarria and the parking area adjacent to the Granaries.

On Saturday, 16th August, 2008 from 5.00 p.m. onwards through Triq San Publju and Triq Sarria.

On Saturday, 16th August, 2008 from 6.00 p.m. onwards vehicular traffic from Triq il-Marina, Pietà, in the direction towards Floriana will be diverted through Triq l-Indipendenza and Triq Sa Maison and Hay Wharf will be open to one-way traffic from Floriana towards Pietà.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to be towed.

12th August, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se tagħmel Taħriġ ta' Splussivi fir-*Ranges* ta' Pembroke bejn it-Tnejn, l-1 ta' Settembru 2008 u l-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru 2008, bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mix-Xatt ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Waqt l-isparar se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* ikkonċernati.

It-12 ta' Awissu, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be holding an Explosives Training Exercise at Pembroke Ranges between Monday, 1st September 2008 and Friday, 5th September 2008, between 7.00 a.m. and 1.30 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke Coast during the above dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

12th August, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1177

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Lulju 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2252/08, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Christopher Spiteri, ordnat is-segwenti pubblikjazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Christopher Spiteri ta' 2 St Mary Flats, Flat 3, Empire Stadium Street, Gżira, fit-28 ta' Mejju 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanża tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Azzopardi abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Joseph Azzopardi (351670M) ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-5 ta' Jannar 2008 għall-ħabta tas-1.35 p.m. ġewwa Triq il-Vittorja, Gżira, bejn il-vettura misjuqa minnek, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCL 748, jinterpellawk sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tħallas lill-mittenti Joseph Azzopardi s-somma ta' €55 rappreżentanti excess payment minnu mħallas lis-soċjetà mittenti Fogg Insurance Agencies Limited bħala riżultat ta' dan l-inċident, u tħallas ukoll lill-mittenti Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' €1,949.30 għall-ħlasijiet kollha minnha effettwati lill-assigurat tagħha bħala riżultat tal-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament bħala riżultat tat-traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek.

Il-mittenti jinformawk illi f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Kopja ta' din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll lil Motor Insurers Bureau, ta' 43A/2, St Paul's Buildings, West Street, Valletta, għal kull tenur u effett tal-Liġi.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament, għall-skopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 11 ta' Awissu 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 1st July 2008, in the records of the judicial letter number 2252/08, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Christopher Spiteri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Christopher Spiteri of 2 St Mary Flats, Flat 3, Empire Stadium Street, Gzira, on the 28th May 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited and this as subbrogated in the rights of its insured Joseph Azzopardi on the basis of the comprehensive type of policy and the same Joseph Azzopardi (351670M) of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occured on the 5th January 2008 at about 1.35p.m. in Triq il-Vittorja, Gżira, between the vehicle driven by you, registration number LCL 748, calls upon you so that within three (3) days you pay Joseph Azzopardi the sum of €55 representing excess payment payed by him to the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited as a result of this accident, and you pay also the interpellant company Fogg Insurance Agencies Limited the sum of €1,949.30 all the payments made by the company to its insured as a result of the same accident, which accident occured as a result of your carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part.

The interpellant informs you that if the time give to you uslessly passes, they will have no alternative but to proceed against you according to Law.

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid costs and useless procedures.

A copy of this letter is sent to Motor Insurers Bureau, of 43A/2, St Paul's Buildings, West Street, Valletta, for any effects and intents of Law.

This judicial letter is being made exclusively, not limited for the purposes of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta for the purposes of interuption of prescription.

With costs and legal interests.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 11th August 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1178

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Lulju 2008, minn Dr Jason Azzopardi u Rudolph Azzopardi, ulied id-decujus, rikors numru 493/2008, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed is-SUĊĊESSJONI ta' missierhom Edward Azzopardi, armel minn Salvina neè Agius, imwieled Paola u miet Pietà, fid-9 ta' Jannar 2005, ta' 64 sena u li kellu karta tal-identità numru 0044742(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 8 ta' Awissu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that by means of an application, filed, in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th July 2008, by Dr Jason Azzopardi and Rudolph Azzopardi, children of the decujus, application number 493/2008, whereby they asked that it be declared open in their favour in the quota of one-half (1/2) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of their father Edward Azzopardi, widower of Salvina neè Agius, born in Paola and died in Pietà on the 9th January 2005, aged 64 and who had identity card number 0044742(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Section of Voluntary Jurisdiction) today 8th August 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1179

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżenat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Lulju 2008, minn Maria Gatt, mart id-decujus liema rikors, iġib in-numru 492/2008, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' żewġha Salvu Gatt, iben il-mejtin Anthony u Rita neè Barun, imwieled Żabbar u miet Pietà fl-20 ta' Awissu 2007, ta' 61 sena u li kellu karta tal-identità numru 0173246(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 8 ta' Awissu 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that by means of an application, filed, in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th July 2008, by Maria Gatt, wife of the decujus which application bears the number 492/2008, whereby she asked that it be declared open all in her favour the SUCCESSION of her husband Salvu Gatt, son of the late Anthony and Rita neè Barun, born in Żabbar and died in Pietà, on the 20th August 2007, aged 61 and who had identity card number 0173246(M) and who died intestate and thus the issueing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 8th August 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*